# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Carlos Lean Schembri**

**Illum: 6 ta' Mejju 2024.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra  Carlos Lean Schembri ID 097398(M) bin Ruth Schembri mwieled fil- 04/03/1990 u joqghod Blk C Fl6 Triq L-Alfier De Medran Tarxien talli fit-22 ta` Awwissu, 2021 ghall-habta ta' 15.30 hrs fi Triq Lapsi Siggiewi soqt vettura b'numru ta' registrazzjonoi KCC 993.

1. U aktar meta b’nuqqas ta hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas talli soqt l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata ta tharis ta regolamenti ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jew gharraqqt xi haga minhabba f’hekk Kirsten Briffa baghtiet offiza gravi fuq il-persuna minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikoluu 218 tal-Kapitolui 9 tal-Ligijiet ta’ Malta skond kif iccertifika Dr James Borg MD mill-MDH.
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata.
3. talli soqt l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza.
4. talli soqt l-imsemmija vettura b’manjiera bla kont.
5. talli soqt l-istess vettura minghajr ma kellek licenzja. tas-sewqan mill- Awtorita Dwar it-Trasport ta` Malta.
6. talli soqt l-istess vettura minghajr ma kont kopert. b’polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni tablet li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f’ kas ta’ htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill- LS 65.18 Art 36 B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328(c)  tal-Kap 9 Kap 65 Art 15(1)(a) (2) (3) tal-Kap 65 Kap 104 sec 3 (1) - LS 65.18 Art 36 B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda taL-imputat.

Rat l-atti kollha, d-dokumenti kollha ezebiti u l-provi kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Ps 2329 Tiziana Azzopardi** xehedet permezz ta affidavit dwar il- kas in desamina.

Stephen Cachia xehed in rappresentanza ta Transport Malta dwar Carlos Lean Schembri u n-nuqqas ta` licenzja tas-sewqan da parti tieghu.

Dr James Borg xehed permezz ta' affidavit dwar Kirsten Briffa.

**Kirsten Briffa,** ghazlet li ma tixhidx sabiex ma tinkriminax ruha .

**Johann Tanti** xehed hekk

Qorti: Mela x`tista tghidli sinjur?

Xhud: Jien kont bid-double decker u kien hemm konnha is-Siggiewi u kont ghaddej u ma stajtx insuq ghax kelli 80 ruh fuqi ghax open top tat-turisti u ma stajtx insuq bis-sahha u kien hemm wiehed warajja u l-ewwel dahla li sibt dhalt fiha biex jaqbizni,

Qorti: U qabzek?

Xhud: U nqala l-accident.

Qorti: Igifieri mar fuq in-naha l-ohra tat-triq dan biex qabzek?

Xhud: Le jien dhaltlu naqa mal-genb fejn kien hemm dahla.

Qorti: Kemm hi wiesgha it-triq?

Xhud: Issa ma nafx nghidlek bl-ezatt.

Qorti: Jaghddu 4 karozzi jew jaghddi wahda kontra l-ohra?

Xhud: Kien hemm dahla u halt kemm kemm go fiha ghax ma xtaqtux jibqa warajja it-triq kollha ghax jien ma stajtx insuq bi 80 ruh fuqi.

Qorti: Imma 2 lane jew 1 lane fejn kont ghaddej int?

Xhud: Jien taghddi u titla, u inzilt intihom l-ghajnuna kif inqala l-accident.

Pros: Il-karozza l-ohra li kellek l-incident maghha x`tghidilna fuqha?

Qorti: Fuq liema naha tat-triq kienet l-ohra giet fuq il-lane tieghek jew kienet fuq l-lane taghha?

Xhud: Ismaghni jien kien hsiebni fil-mera umbaghad rajt il-vann ghaddej minn mieghi bumm u sehh l-accident, infattjien waqaft ezatt mal-vann ghax kont mohhni hemm.

Avu: Igifieri l-incident sehh meta il-vann likien warajk qalak u f`dik il-amuvra sehh l-ncident hux hekk?

Xhud: Ezatt.

Avu: Daqsekk.

**Eman Haber,** xehed hekk :

Qorti: Qieghed hawn inrapprezentanza ta` min?

Xhud: Jien hawnekk qieghed inrapprezentanza ta` Gasan Mamo Insurance hawnekk jien ghand ic-certifikat mahrug mil-Insurnce Minn Gasan Mamo stess bhal dati dan li huwa validu tac-certifikat mid-9 ta Dicembru tal-2020 sa 30 ta` Novembru 2021.

Qorti: Mela ghandu insurance?

Xhud: Ezatt ezatt.

Qorti: Jekk qed nghidlek 22nd August 2021 kien kopert?

Xhud: Ezatt iva, bhala drivers din il-polza bhala KCC 993
qeghda fuq Christian Borg jistghu isuquha any
driver li huma il-fuq minn 25 sena kif ukoll hemm
isem spesifiku Dorian Cilia.

Qorti: Issa intom jekk isuqha xi hadd under 25 x`inhi l-
posizzjoni taghkom?

Xhud: F`dak il-kaz f`dik l-assikurazzjoni ma jkunx jigi
kopert.

Pros: U ma jkollux licenzja?

Xhud: Licenzja le ghall-insurance qed nghid.

Qorti: Over 25 mhuwiex kopert igifieri?

Xhud: Li huma inqas minn 25 ma jigux koperti pero nixtieq
inzid xi haga ohra ghax hija imnizzla hawnekk bhala
drivers qeghda Christian Borg or any drivers over
25 in his employ jigifieri dan irid ikun ovvjament
Christian Borg hawnekk irid juri l-evidenza li,
Carlos Lean Schembri huwa taht l-employ ta`
Christian Borg, irid ikollu over 25 u dik Christian
Borg ikun irid jipprezentaha.

Qorti: Kontro Ezami?

Avu: Nirriserva ghall-kull buon fini.

Qorti: Jekk m`gahndux licenzja intkom id-driver tas-sewqan tkopruh xorta?

Xhud: Jekk ma jkollux licenzja ikollu, issa importanti ahna nghidu insurance l-eta l-iktar importanti li gahndu il-fuq 25 sena u ghandu licenzja valida.

**Carlos Lean Schembri xehed** li fid-data tal-incident kienet vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta li invadietlu l-karregjata.

**Ikkunsidrat**

Ma hemmx il-livel ta provi rikjesti fil- kamp kriminali sabiex tinstab htija tal- imputa rigwardanti s-sewqan tieghu stante li ma hemmx prova cara li hu kien invada l-karregjata l-ohra u bhekk sehh l-incident. Dan ifisser li ma hemmx provi ta htija rigwardanti l-ewwel, tieni, tielt jew raba, imputazzjoni.

Rigwardanti is-sitt akkuza din preskritta stante li l-imputat ma giex notifikat fiz-zmien sitt xhur.

Jirrizulta car mill-affidavit ta Stephen Cachia in rappresentanza ta Transport Malta dwar Carlos Lean Schembri

u n-nuqqas ta licenzja tas-sewqan da parti tieghu  u bhekk il-hames  imputazzjoni hi ippruvata.

**Decide**

Ghal dawn il- mottivi Carlos Lean Schembri hu liberat minn kull htija jew piena rigwardanti l-ewwel, tieni, tielet, raba’ u sitt imputazzjoni.

Rigwardanti l- hames imputazzjoni din giet ippruvata u tikkundanna lil Carlos Lean Schembri multa ta’ elf u mitejn Euro (1200) li jithallsu fi zmien tlett snin, xahar skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan jew milli jottjeni l-istess, 6 punti fuq il-licenzji tieghu tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**